MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 24 ta' Jannar 2020**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Hubert Gerada)**

**Vs**

**AB**
**XY**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **AB u XY** akkużati talli:

Fit-23 ta' Jannar 2020 u jew fil-ġranet ta' qabel f'Malta, niżlu l-art jew imbarkaw f'Malta mingħajr ma kellhom fil-pussess tagħhom passaport u naqsu milli jagħtu lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jeħtieġ.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputati ammettew għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħhom liema ammissjonijiet ġew ikkonfermati wara li l-Qorti tathom żmien jirrikonsidraw il-pożizzjoni tagħhom.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li għalhekk din l-imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tiegħu qegħdin jinsabu ħatja l-imputati, il-fedina penali tagħhom, u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputati ammettew il-ħtija tagħhom.

Il-Qorti qiegħda wkoll tieħu in konsiderazzjoni li l-imputati huma t-tnejn minuri u allura għandhom jibbenefikaw minn riduzzjoni fil-piena inflitta. Il-Qorti tosserva illi solitament dawn ir-reati jiġu puniti b'piena karċerarja effettiva. In vista ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma illi l-piena li għandha tiġi inflitta fuq l-istess imputati għandha tkun waħda sospiża b'dana illi però jridu jifhmu illi jekk jikkommettu reat ieħor, allura jridu jservu terminu ta' priġunerija għar-reat in eżami.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 28 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputati **AB u XY** ħatja tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom u tikkundannahom għal xahar (1) priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qiegħed jiġi sospiż għal żmien sena (1) mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur